Nru./No. 20,865
Prezz/Price
€2.70

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2022
Tuesday, 24th May, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8621 - 8624
Government Notices ..... *8621 - 8624*

Avviżi tal-Pulizija ..... 8625 - 8628
Police Notices ..... *8625 - 8628*

Avviżi lill-Baħħara ..... 8628 - 8633
Notices to Mariners ..... *8628 - 8633*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 8633 - 8636
Employment Opportunities ..... *8633 - 8636*

Avviżi tal-Gvern ..... 8636 - 8650
Notices ..... *8636 - 8650*

Offerti ..... 8650 - 8656
Tenders ..... *8650 - 8656*

Avviżi tal-Qorti ..... 8656 - 8676
Court Notices ..... *8656 - 8676*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 594

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA
(KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza r-rikonoxximent tal-għotja tal-unur Cavaliere – Ordine della Stella d'Italia, mill-Gvern tal-Italja lil:

Is-Sur Giovanni Ciantar
Is-Sa Simone De Brincat
Is-Sur Raymond Farrugia

L-4 ta' Novembru, 2021
COF-575-1962-XIII

Nru. 595

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA
(KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza r-rikonoxximent tal-għotja tal-unur Ufficiale – Ordine della Stella d'Italia, mill-Gvern tal-Italja lil:

Is-Sur Calcedonio Calleja

Is-16 ta' Mejju, 2022
COF-575-1962-XIV

Nru. 596

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA
(KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, ħatar lill-Kurunell Clinton John O'Neill FAM bħala Reġistratur tax-Xirka Ġieħ ir-Repubbika u tal-Ordni Nazzjonali tal-Meritu.

L-10 ta' Mejju, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 594

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT
(CAP. 251)

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the honour of Cavaliere – Ordine della Stella d'Italia, by the Italian Government to:

Mr Giovanni Ciantar
Ms Simone De Brincat
Mr Raymond Farrugia

4th November, 2021

No. 595

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT
(CAP. 251)

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the honour of Ufficiale – Ordine della Stella d'Italia, by the Italian Government to:

Mr Calcedonio Calleja

16th May, 2022

No. 596

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT
(CAP. 251)

IT is hereby notified that in terms of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has appointed Colonel Clinton John O'Neill AFM as Registrar of the Xirka Ġieħ ir-Repubblika and of the National Order of Merit.

10th May, 2022

Nru. 597

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,863 tal-20 ta' Mejju, 2022 (Avviżi Legali 142 sa 152).

A.L. 142 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Education – M.Ed. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

A.L. 143 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Grad ta' Master of Arts in Adult Education – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

A.L. 144 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Educational Leadership and Management – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

A.L. 145 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Grad ta' Master of Arts in Museum Education – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

A.L. 146 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Maltese Studies taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Istudji Maltin.

A.L. 147 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola.

A.L. 148 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Medicina u l-Kirurġija.

No. 597

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,863 of 20th May, 2022 (Legal Notices 142 to 152).

L.N. 142 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Education under the auspices of the Faculty of Education.

L.N. 143 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for theDegree of Master of Arts in Adult Education – M.A. – under the auspices of the Faculty of Education.

L.N. 144 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2015 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Arts in Educational Leadership and Management – M.A. – under the auspices of the Faculty of Education.

L.N. 145 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2018 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Arts in Museum Education – M.A. – under the auspices of the Faculty of Education.

L.N. 146 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master in Maltese Studies under the auspices of the Institute of Maltese Studies.

L.N. 147 of 2022: Education Act (Cap. 327); Matriculation Examination (Amendment) Regulations, 2022.

L.N. 148 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2010 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Science – M.Sc. – under the auspices of the Faculty of Medicine and Surgery.

A.L. 149 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

L.N. 149 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2016 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master in Teaching and Learning – MTL – under the auspices of the Faculty of Education.

A.L. 150 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università.

L.N. 150 of 2022: Education Act (Cap. 327); University Assessment (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 151 tal-2022: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa Pubblika fir-rigward ta' Sustanzi Radjuattivi fl-Ilmijiet maħsuba għall-Konsum mill-Bniedem.

L.N. 151 of 2022: Food Safety Act (Cap. 449); Protection of Public Health (Radioactive Substances in Water intended for Human Consumption) (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 152 tal-2022: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar ir-Rekwiżiti għall-Ivvjaġġar.

L.N. 152 of 2022: Public Health Act (Cap. 465); Travel Requirements (Amendment) Order, 2022.

L-24 ta' Mejju, 2022

24th May, 2022

Nru. 598

No. 598

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

Notice in terms of Article 61(1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

IN Terms of the proviso to article 61(1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Cefai George	349853M	IV 146931
Spiteri Pierre Joseph	76900L	IV 146932
Micallef Mark	398984M	IV 151966
Farrugia Shawn	297885M	IV 151843
Camilleri Joseph	616355M	IV 151963
Mifsud Paul	490084M	IV 148674
Gafà Josef	323077M	IV 148375
Borg Roderick	68383M	IV 149745
Deguara Caruana Gatto Maria Concetta	816157M	IV 151624
Baldacchino Anna	87146M	IV 151375
Fenech Ian Paul	528874M	IV 140962
Muscat Alfred	83650G	IV 151404
Farrugia Paul	886979908	IV 150990

Scollo Giovanni et	889128612	IV 141680
Scollo Giovanni	889128612	IV 139311
PSS Properties Limited et	Roc. No.: C 80119	IV 146576
Keg Limited	Roc. No.: C 83840	IV 151952
DD Properties Limited	Roc. No.: C 41854	IV 143820
Azzopardi Ramona Marie	2584G	SV 050921

L-24 ta' Mejju, 2022

Nru. 599

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tlieta, l-24 ta' Mejju, 2022 għall-Kunsill Lokali ta' Il-Mellieħa biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Ivan Castillo huwa dak li ismu jidher hawn taħt:

JOSEPH GAUCI

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

24th May, 2022

No. 599

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Tuesday, 24th May, 2022 for the Local Council of Il-Mellieħa to fill the post vacated by Mr Ivan Castillo is that whose name is shown hereunder:

JOSEPH GAUCI

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

L-24 ta' Mejju, 2022

24th May, 2022

Nru. 600

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
24.5.2022	€56.054	€0.668

L-24 ta' Mejju, 2022

No. 600

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT
(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

24th May, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 76

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ħamis, 16 ta' Ġunju, 2022, bejn l-4.00 p.m. u l-10.00 p.m., minn Triq il-Merkanti minn Triq San Nikola sa Triq San Kristofru, Triq San Duminku minn Triq il-Merkanti sa Triq ir-Repubblika u Triq ir-Repubblika minn Triq San Duminku sa Triq l-Arċisqof.

Trasport pubbliku (Valletta circular bus) se jkun ukoll affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir kif meħtieġ.

Il-Fontana

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ġunju, 2022, bejn is-7.00 p.m. u s-2.00 a.m. tas-Sibt, 18 ta'Ġunju, 2022, minn Triq Ta' Mulejja, Triq il-Għajn, Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka u Triq il-Kappillan Hili.

Nhar is-Sibt, 18 ta' Ġunju, 2022, bejn l-4.30 p.m. u s-2.00 a.m. tal-Ħadd, 19 ta'Ġunju, 2022, minn Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq is-Sajjieda u Triq il-Għajn.

Nhar il-Ħadd, 19 ta'Ġunju, 2022, bejn l-10.00 a.m. u t-3.00 p.m., minn Triq l-Isptar San Ġiljan u Triq il-Għajn.

Nhar il-Ħadd, 19 ta'Ġunju, 2022, bejn il-5.30 p.m. u s-2.00 a.m. tat-Tnejn, 20 ta'Ġunju, 2022, minn Triq il-Għajn, Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka, Wesgħa Vincenza Labini, Triq Enrico Mizzi, Triq Vajringa, Triq l-Iskola, Triq Alfons M. Hili u Triq il-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022, bejn il-5.00 p.m. u l-10.00 p.m., minn Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka, Triq il-Knisja ta' Pompej, Triq Enrico Mizzi, Triq il-Vajringa, Triq l-Iskola, Triq Alfons M. Hili u Triq il-Għajn.

Nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju, 2022, bejn it-8.00 a.m. and t-8.10 a.m., nofsinhar u 12.10 p.m., u mit-8.10 p.m. sad-8.45

POLICE NOTICE

No. 76

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Thursday, 16th June, 2022, from 4.00 p.m to 10.00 p.m., through Triq il-Merkanti from Triq San Nikola to Triq San Kristofru, Triq San Duminku from Triq il-Merkanti to Triq ir-Repubblika, Triq ir-Repubblika from Triq San Duminku to Triq l-Arċisqof.

Public Transport (Valletta circular bus) may also be affected.

Road closure will be done as required.

Fontana

On Friday, 17th June, 2022, between 7.00 p.m and 2.00 a.m. of Saturday, 18th June, 2022, through Triq Ta' Mulejja, Triq il-Għajn, Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka and Triq il-Kappillan Hili.

On Saturday, 18th June, 2022, between 4.30 p.m. and 2.00 a.m. of Sunday, 19th June, 2022, through Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq is-Sajjieda and Triq il-Għajn.

On Sunday, 19th June, 2022, between 10.00 a.m. and 3.00 p.m., through Triq l-Isptar San Ġiljan and Triq il-Għajn.

On Sunday, 19th June, 2022, between 5.30 p.m. and 2.00 a.m. of Monday, 20th June, 2022, through Triq il-Għajn, Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka, Wesgħa Vincenza Labini, Triq Enrico Mizzi, Triq Vajringa, Triq l-Iskola, Triq Alfons M. Hili and Triq il-Knisja.

On Friday, 24th June, 2022, between 5.00 p.m. and 10.00 p.m., through Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka, Triq il-Knisja ta' Pompej, Triq Enrico Mizzi, Triq il-Vajringa, Triq l-Iskola, Triq Alfons M. Hili and Triq il-Għajn.

On Friday 3rd June, 2022, between 8.00 a.m. and 8.10 a.m., noon and 12.10 p.m., and 8.10 p.m. to 8.45 p.m., through

p.m., minn Triq Santa Dminka kantuniera ma' Triq il-Mitħna Fontana, Triq Santa Dminka kantuniera ma' Triq Patri Anton Debono, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kantuniera ma' Triq Mons. Mikiel Buttigieg, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kantuniera ma' Triq John Gaspard Le Merchant, Triq ix-Xlendi, Il-Munxar traffiku direzzjoni lejn iċ-Ċentru tal-Munxar minn Wied tas Saqwi, Triq l-Isptar San Ġiljan kantuniera ma' Triq il-Qalb ta' Ġesù and Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem (m'hemmx aċċess minn Ta' Kerċem għal Triq Għajn Tuta).

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ġunju, 2022, bejn it-8.00 a.m. u t-8.10 a.m., nofsinhar u 12.10 p.m., u mill-10.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq Santa Dminka kantuniera ma' Triq il-Mitħna Fontana, Triq Santa Dminka kantuniera ma' Triq Patri Anton Debono, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kantuniera ma' Triq Mons. Mikiel Buttigieg, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kantuniera ma' Triq John Gaspard Le Merchant, Triq ix-Xlendi, Il-Munxar traffiku direzzjoni lejn iċ-Ċentru tal-Munxar minn Wied tas Saqwi, Triq l-Isptar San Ġiljan kantuniera ma' Triq il-Qalb ta' Ġesù and Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem (m'hemmx aċċess minn Ta' Kerċem għal Triq Għajn Tuta).

Nhar is-Sibt, 18 ta' Ġunju, 2022, bejn it-8.00 a.m. u t-8.10 a.m., nofsinhar u 12.10 p.m., is-6.15 p.m. u s-6.45 p.m., u mill-10.00 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Santa Dminka kantuniera ma' Triq il-Mitħna Fontana, Triq Santa Dminka kantuniera ma' Triq Patri Anton Debono, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kantuniera ma' Triq Mons. Mikiel Buttigieg, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kantuniera ma' Triq John Gaspard Le Merchant, Triq ix-Xlendi, Il-Munxar directing traffic to Munxar Centre through Wied tas Saqwi, Triq l-Isptar San Ġiljan kantuniera ma' Triq il-Qalb ta' Ġesù u Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem (no access from Ta' Kerċem to Triq Għajn Tuta).

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Ġunju, 2022, bejn it-8.00 a.m. u t-8.10 a.m., il-11.45 a.m. u 12.05 p.m., u mis-7.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq Santa Dminka kantuniera ma' Triq il-Mitħna Fontana, Triq Santa Dminka kantuniera ma' Triq Patri Anton Debono, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kantuniera ma' Triq Mons. Mikiel Buttigieg, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kantuniera ma' Triq John Gaspard Le Merchant, Triq ix-Xlendi, Il-Munxar directing traffic to Munxar Centre through Wied tas Saqwi, Triq l-Isptar San Ġiljan kantuniera ma' Triq il-Qalb ta' Ġesù u Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem (ma jkunx hemm aċċess minn Ta' Kerċem għal Triq Għajn Tuta).

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Għajnsielem

Nhar is-Sibt, 28 ta' Mejju, 2022, bejn it-8.00 p.m. u t-8.35 p.m., minn Triq iż-Żewwieqa.

Triq Santa Dminka corner with Triq il-Mitħna Fontana, Triq Santa Dminka corner with Triq Patri Anton Debono, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi corner with Triq Mons. Mikiel Buttigieg, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi corner with Triq John Gaspard Le Merchant, Triq ix-Xlendi, Il-Munxar directing traffic to Il-Munxar Centre through Wied tas-Saqwi, Triq l-Isptar San Ġiljan corner with Triq il-Qalb ta' Ġesù and Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem (no access from Ta' Kerċem to Triq Għajn Tuta).

On Friday 17th June, 2022, between 8.00 a.m. and 8.10 a.m., noon and 12.10 p.m., and 10.00 p.m. to 11.00 p.m. through Triq Santa Dminka corner with Triq il-Mitħna Fontana, Triq Santa Dminka corner with Triq Patri Anton Debono, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi corner with Triq Mons. Mikiel Buttigieg, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi corner with Triq John Gaspard Le Merchant, Triq ix-Xlendi, Il-Munxar directing traffic to Munxar Centre through Wied tas Saqwi, Triq l-Isptar San Ġiljan corner with Triq il-Qalb ta' Ġesù u Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem (no access from Ta' Kerċem to Triq Għajn Tuta).

On Saturday 18th June, 2022, between 8.00 a.m. and 8.10 a.m., noon and 12.10 p.m., 6.15 p.m. to 6.45 p.m., and 10.00 p.m. to 11.30 p.m., through Triq Santa Dminka corner with Triq il-Mitħna Fontana, Triq Santa Dminka corner with Triq Patri Anton Debono, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi corner with Triq Mons. Mikiel Buttigieg, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi corner with Triq John Gaspard Le Merchant, Triq ix-Xlendi, Il-Munxar directing traffic to Munxar Centre through Wied tas Saqwi, Triq l-Isptar San Ġiljan corner with Triq il-Qalb ta' Ġesù u Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem (no access from Ta' Kerċem to Triq Għajn Tuta).

On Sunday 19th June, 2022, between 8.00 a.m. and 8.10 a.m., 11.45 a.m. and 12.05 p.m., and 7.00 p.m. to 11.00 p.m., through Triq Santa Dminka corner with Triq il-Mitħna Fontana, Triq Santa Dminka corner with Triq Patri Anton Debono, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi corner with Triq Mons Mikiel Buttigieg, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi corner with Triq John Gaspard Le Merchant, Triq ix-Xlendi, Il-Munxar directing traffic to Munxar Centre through Wied tas Saqwi, Triq l-Isptar San Ġiljan corner with Triq il-Qalb ta' Ġesù u Triq Għajn Tuta, Ta' Kerċem (no access from Ta' Kerċem to Triq Għajn Tuta).

Public Transport may also be affected.

Għajnsielem

On Saturday, 28th May, 2022, between 8.00 p.m. and 8.35 p.m. through Triq iż-Żewwieqa.

Nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju, 2022, bejn l-4.00 p.m. u s-1.00 a.m. tas-Sibt, 4 ta' Ġunju, 2022, minn Triq Sant'Antnin.

Nhar is-Sibt, 4 ta' Ġunju, 2022, bejn is-7.00 p.m. u s-1.00 a.m. tal-Ħadd, 5 ta' Ġunju, 2022, minn Triq Sant'Antnin.

Nhar is-Sibt, 4 ta' Ġunju, 2022, bejn is-7.00 p.m. u s-7.30 p.m., u mid-9.00 p.m. sad-9.15 p.m., minn Triq iż-Żewwieqa.

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Ġunju, 2022, bejn il-5.00 p.m. u s-1.00 a.m. tat-Tnejn, 6 ta' Ġunju, 2022, minn Triq Sant'Antnin.

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Ġunju, 2022, bejn id-9.45 a.m. u d-9.50 a.m., nofsinhar sa 12.10 p.m., u s-7.30 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq iż-Żewwieqa.

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Ġunju, 2022, bejn id-9.45 a.m. u d-9.50 a.m., nofsinhar sa 12.10 p.m., u s-7.30 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq iż-Żewwieqa.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Il-Mosta

Nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju, 2022, bejn is-6.00 p.m. u s-7.00 p.m., tul Pjazza Dun Anġ Camilleri, Triq it-Torri, Triq il-Kungress Ewkaristiku u Pjazza Rotunda.

Nhar is-Sibt, 11 ta' Ġunju, 2022, bejn is-6.15 p.m. u s-7.30 p.m., tul Triq it-Torri, Triq il-Kungress Ewkaristiku u Pjazza Rotunda.

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju, 2022, bejn it-8.00 a.m. u d-9.00 a.m., tul Pjazza Dun Anġ Camilleri, Triq it-Torri, Triq il-Kungress Ewkaristiku u Pjazza Rotunda.

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju, 2022, bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m., tul Pjazza Rotunda, Triq il-Kostituzzjoni, Triq il-Kurat Schembri, Triq il-Papa Ġwanni XXIII, Triq Nicolò Isouard, Triq it-Tabib Chetcuti, Triq id-9 ta' April, Triq San Pawl Eremita, Triq il-Wied u Triq l-Isperanza.

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022, bejn is-7.00 p.m. u t-8.30 p.m., tul Pjazza Rotunda, Triq il-Bażilika, Triq Sant'Anna, Triq Sant'Anton, Triq il-Ħtajriet, Triq il-Kulleġġ, Triq Ponsomby, Triq Anġlu Gatt u Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

L-Isla

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju, 2022, bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m., minn Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja u Pjazza Benedittu XV.

On Friday, 3rd June, 2022, between 4.00 p.m. and 1.00 a.m. of Saturday, 4th June, 2022, through Triq Sant'Antnin.

On Saturday, 4th June, 2022, between 7.00 p.m. and 1.00 a.m. of Sunday, 5th June, 2022, through Triq Sant'Antnin.

On Saturday, 4th June, 2022, between 7.00 p.m. and 7.30 p.m., and 9.00 p.m. to 9.15 p.m., through Triq iż-Żewwieqa.

On Sunday, 5th June, 2022, between 5.00 p.m. and 1.00 a.m. of Monday, 6th June, 2022, through Triq Sant'Antnin.

On Sunday 5th June, 2022, between 9.45 a.m. and 9.50 a.m., noon to 12.10 p.m., and 7.30 p.m. to 10.00 p.m., through Triq iż-Żewwieqa.

On Sunday, 13th June, 2022, between 9.45 a.m. and 9.50 a.m., noon to 12.10 p.m., and 7.30 p.m. to 10.00 p.m., through Triq iż-Żewwieqa.

Public Transport may also be affected.

Mosta

On Friday, 10th June, 2022, between 6.00 p.m. and 7.00 p.m., along Pjazza Dun Anġ Camilleri, Triq it-Torri, Triq il-Kungress Ewkaristiku and Pjazza Rotunda.

On Saturday, 11th June, 2022, between 6.15 p.m. and 7.30 p.m., along Triq it-Torri, Triq il-Kungress Ewkaristiku and Pjazza Rotunda.

On Sunday, 12th June, 2022, between 8.00 a.m. and 9.00 a.m., along Pjazza Dun Anġ Camilleri, Triq it-Torri, Triq il-Kungress Ewkaristiku and Pjazza Rotunda.

On Sunday, 19th June, 2022, between 6.00 p.m. and 8.00 p.m., along Pjazza Rotunda, Triq il-Kostituzzjoni, Triq il-Kurat Schembri, Triq il-Papa Ġwanni XXIII, Triq Nicolò Isouard, Triq it-Tabib Chetcuti, Triq id-9 ta' April, Triq San Pawl Eremita, Triq il-Wied and Triq l-Isperanza.

On Friday, 24th June, 2022, between 7.00 p.m. and 8.30 p.m., along Pjazza Rotunda, Triq il-Bażilika, Triq Sant'Anna, Triq Sant'Anton, Triq il-Ħtajriet, Triq il-Kulleġġ, Triq Ponsomby, Triq Anġlu Gatt and Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Public Transport will also be affected.

Isla

On Sunday, 12th June, 2022, between 8.00 a.m. and 11.00 a.m., through Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja and Pjazza Benedittu XV.

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Ġunju, 2022, bejn is-7.00 a.m. u l-11.00 a.m., minn Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra, Triq il-Vitorja, Pjazza Benedittu XV u Triq l-Isqof Mattei.

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022, bejn it-3.00 p.m. u l-10.00 p.m., minn Triq iż-Żewġ Mini, Triq San Filippu, Triq is-Sur, Triq San Mikiel, Triq il-Ponta u Triq il-Porta Salvo.

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Ġunju, 2022, bejn it-3.00 p.m. u l-11.00 p.m., minn Pjazza Benedittu XV, Triq l-Isqof Mattei, Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja, Triq San Pietru u Triq San Pawl.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

In-Nadur

Nhar it-Tlieta, 31 ta' Ġunju, 2022, bejn l-4.30 p.m. u t-8.30 p.m., minn Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq Diċembru Tlettax u Triq San Ġorġ Preca.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Mejju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 64 tal-2022

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 60 tal-2022 dwar Tqegħid ta' Sinkers fil-Garden Yacht Marina fid-Daħla ta' Lazzarett

B'referenza għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 60 tal-2022.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li t-tqegħid tas-sinkers ma tlestiex fiż-żmien ippjanat. Id-data tat-tlestija għalhekk qed tiġi estiża sal-aħħar ta' Mejju 2022.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 60 tal-2022 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 60 tal-2022 se tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 177

L-24 ta' Mejju, 2022

On Sunday, 19th June, 2022, between 7.00 a.m. and 11.00 a.m., through Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra, Triq il-Vitorja, Pjazza Benedittu XV and Triq l-Isqof Mattei.

On Friday, 24th June, 2022, between 3.00 p.m. and 10.00 p.m., through Triq iż-Żewġ Mini, Triq San Filippu, Triq is-Sur, Triq San Mikiel, Triq il-Ponta and Triq il-Porta Salvo.

On Sunday, 26th June, 2022, between it-3.00 p.m. and 11.00 p.m., through Pjazza Benedittu XV, Triq l-Isqof Mattei, Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja, Triq San Pietru and Triq San Pawl.

Public Transport may also be affected.

Nadur

On Tuesday, 31st June, 2022, between 4.30 p.m. and 8.30 p.m., through Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq Diċembru Tlettax and Triq San Ġorġ Preca.

Public Transport may also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

24th May, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 66 of 2022

Amendment to Local Notice to Mariners No. 60 of 2022 regarding Laying of Sinkers at Garden Yacht Marina at Id-Daħla ta' Lazzarett

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 60 of 2022.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the laying of sinkers has not been completed within the time frame, as planned. The completion date is therefore being extended to the end of May 2022.

Local Notice to Mariners No. 60 of 2022 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 60 of 2022 will remain valid.

Chart affected: BA 177

24th May, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 67 tal-2022

Stħarriġ (Bentiku) bl-Għadis fil-Bajja ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsir stħarriġ (bentiku) bl-għadis fil-Bajja ta' Marsaxlokk.

L-stħarriġ bl-għadis se jsir bejn it-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2022 u l-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022, tul il-linja immaġinarja li tgħaqqad il-punti A, B, C, D, E, u F, kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 50'.063	014° 32'.883
B	35° 50'.162	014° 32'.817
C	35° 50'.202	014° 32'.760
D	35° 50'.294	014° 32'.729
E	35° 50'.390	014° 32'.735
F	35° 50'.423	014° 32'.779

L-istħarriġ se jsir mill-għaddasa li se jkunu akkumpanjati mill-bastiment ta' appoġġ 'S20402' li se jkun qed itajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A'.

Għandha tinżamm żona ta' sikurezza ta' 50m madwar il-bastiment tal appoġġ 'S20402' matul l-istħarriġ.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jipproċedu b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jinnavigaw fiż-żoni indikati hawn fuq. Huma għandhom josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 14 u/jew 16 minn Marsaxlokk VTS.

Chart affettwata: BA 36

L-24 ta' Mejju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 68 tal-2022

Regatta bil-Qlugħ 'il barra minn Tas-Sliema

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se ssir regatta bil-qlugħ 'il barra mix-xatt ta' Tas-Sliema.

It-tlielaq se jsiru 'l barra minn Tas-Sliema fiż-żona A u fiż-żona B, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 67 of 2022

Diving Survey (Benthic) within Il-Bajja ta' Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a diving survey (benthic) will be held within Il-Bajja ta' Marsaxlokk.

The diving survey will be held between Tuesday, 24th May, 2022 and Friday, 24th June, 2022, along the imaginary line joining the points A, B, C, D, E, and F, as shown in red on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 50'.063	014° 32'.883
B	35° 50'.162	014° 32'.817
C	35° 50'.202	014° 32'.760
D	35° 50'.294	014° 32'.729
E	35° 50'.390	014° 32'.735
F	35° 50'.423	014° 32'.779

The survey will be carried out by scuba divers who will be accompanied by the support vessel 'S20402' which will be displaying the International Code of Signals Flag 'A'.

A safety zone of 50m round the support vessel 'S20402' is to be kept during the surveys.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed with caution and at slow speed when navigating in the above indicated areas. They are to comply with instructions given on VHF Channel 14 and/or 16 by Marsaxlokk VTS.

Chart affected: BA 36

24th May, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 68 of 2022

Sailing Regatta off Tas-Sliema

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a sailing regatta will be held off Tas-Sliema seafront.

The races will be held off Tas-Sliema within area A and area B, as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Nhar is-Sibt, 21 ta' Mejju, 2022, bejn l-10.30 a.m. u l-5.00 p.m.

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Mejju, 2022, bejn id-9.30 a.m. u l-4.00 p.m.

Bagi sofor biex jindikaw il-korsa fiż-żoni msemmija hawn fuq jitqiegħdu fl-10.00 a.m. u jitneħħew sal-5.00 p.m., f'kull jum tat-tlielaq.

Il-bastimenti kollha li mhumiex involuti fl-attività għandhom iżommu 'l bogħod mid-dgħajjes li jikkompetu u jsegwu kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija mill-uffiċjali tat-tellieqa u l-bastimenti ta' appoġġ.

Il-baħħara għandhom jinnotaw dan ta' hawn fuq u jagħtu liż-żoni indikati spazju wiesa'. Huma mwissija biex jikkonformaw bis-sħiħ mar-Regola 18 (COLREGS 1972) u 'joqogħdu 'l bogħod' mid-dgħajjes tal-qlugħ li jipparteċipaw fir-regatta.

Baħħara li jinnavigaw fil-viċinanza taż-żoni indikati fid-dati u l-ħinijiet imsemmija għandhom isegwu fuq VHF Channel 12 u/jew 16 u għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u/jew mal-persunal tal-infurzar fiż-żona.

Kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS għandhom jiġu mħarsa

Charts affettwati: BA 177, 2538, 2537.

L-24 ta' Mejju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 69 tal-2022

Stħarriġ (Bentiku) bl-Għadis tul Boiler Wharf fil-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsir stħarriġ (bentiku) bl-għadis fil-Port il-Kbir.

L-istħarriġ bl-għadis se jsir ħdejn Boiler Wharf fiż-żona mdawra bil-linji immaġinarji li jgħaqqdu l-punti A, B, C, D, E, u F, u x-xatt ta' bejniethom kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

L-istħarriġ bl-għadis se jsir mill-bugħaddasa nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2022, bejn id-9.30 a.m. u l-5.00 p.m.

It-tim tal-għadis se jkun qed itajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A' meta jkun qed isir l-għadis.

On Saturday, 21st May, 2022, between 10.30 a.m. and 5.00 p.m.

On Sunday, 22nd May, 2022, between 9.30 a.m. and 4.00 p.m.

Yellow inflatable marker buoys to indicate the racecourse within the above-mentioned areas will be laid at 10.00 a.m. and removed by 5.00 p.m., on each day of the races.

All vessels that are not involved in the activity are to keep well clear from the competing boats and follow any instructions given by the race officials and support vessels.

Mariners are to note the above and are to give the areas indicated a wide berth. They are further instructed to fully comply with Rule 18 (COLREGS 1972) and to 'keep out of the way' of the sailing vessels participating in the regatta.

Mariners navigating in the vicinity of the indicated areas on the mentioned dates and times are to keep watch on VHF Channel 12 and/or 16 and are to cooperate with the organisers and/or enforcement personnel in the area.

Any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS are to be complied with.

Charts affected: BA 177, 2538, 2537.

24th May, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 69 of 2022

Diving Survey (Benthic) along Boiler Wharf within the Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a diving survey (benthic) will be held within the Grand Harbour.

The diving survey will be held next to Boiler Wharf within the area bounded by the imaginary lines joining the points A, B, C, D, E, and F, and the intermediate coastline as shown in red on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The diving survey will be carried out by scuba divers on Tuesday, 24th May, 2022, between 9.30 a.m. and 5.00 p.m.

The diving team will be displaying the International Code of Signals Flag 'A' when diving operations are being carried out.

Waqt l-istħarriġ għandha tinżamm żona ta' sigurtà ta' 50m madwar iż-żona msemmija hawn fuq.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jipproċedu b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jinnavigaw fil-viċinanza taż-żoni indikati hawn fuq.

Huma ħandhom josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Chart affettwata: BA 177

L-24 ta' Mejju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 70 tal-2022

Voomquest – UIM V2 Class World Championship Race – 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-Voomquest – UIM V2 Class World Championship Race – 2022, se ssir 'il barra minn Tas-Sliema bejn il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju, 2022 u l-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2022, jekk it-temp jippermetti.

In-navigazzjoni se tkun ristretta fiż-żona delimitata bil-linji immaġinarji li jgħaqqdu l-punti U, V, W, X, Y, Z u x-xatt ta' bejniethom, f'kull jum.

Bagi oranġjo bid-dawl li jteptep jistgħu jitpoġġew nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju, 2022, fil-punti V, W, X u Y (kif muri fuq tabella 1 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) u jitħallew fil-pożizzjoni matul il-lejl.

Il-bastimenti kollha għandhom jipproċedu 'l barra mill-bagi oranġjo msemmija hawn fuq mid-9.00 a.m. sas-7.00 p.m., mill-Ġimgħa, 27 ta' Mejju sal-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2022. Matul is-sigħat l-oħra kollha, il-bastimenti għandhom jinnavigaw b'kawtela.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Lonġitudni (L)*
U	35º 54'.422	014º 30'.909 Xatt
V	35º 54'.514	014º 31'.246
W	35º 54'.847	014º 31'.412
X	35º 55'.882	014º 30'.568
Y	35º 55'.781	014º 30'.019
Z	35º 55'.134	014º 29'.930 Xatt

It-tlielaq se jsiru mill-Ġimgħa, 27 ta' Mejju, 2022 sal-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2022, mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m.

Numru ta' bagi li jteptpu jistgħu jitpoġġew ukoll nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju, 2022, fiż-żona ristretta hawn fuq

A safety zone of 50m round the above-mentioned area is to be kept during the surveys.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed with caution and at slow speed when navigating in the vicinity of the above indicated areas.

They are to comply with instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Chart affected: BA 177

24th May, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 70 of 2022

Voomquest – UIM V2 Class World Championship Race – 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Voomquest – UIM V2 Class World Championship Race – 2022, will be held off Tas-Sliema between Friday, 27th May, 2022 and Sunday, 29th May, 2022, weather permitting.

Navigation will be restricted within the area bounded by the imaginary lines joining the points U, V, W, X, Y, Z and the intermediate coastlines, on each day.

Orange buoys with flashing lights may be laid on Thursday, 26th May, 2022, at points V, W, X and Y (as shown on chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) and will be left in position during the night.

All vessels are to proceed offshore from the above-mentioned orange buoys from 9.00 a.m. till 7.00 p.m., from Friday, 27th May to Sunday, 29th May, 2022. During all other hours vessels are to navigate with caution.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
U	35º 54'.422	014º 30'.909 Shore
V	35º 54'.514	014º 31'.246
W	35º 54'.847	014º 31'.412
X	35º 55'.882	014º 30'.568
Y	35º 55'.781	014º 30'.019
Z	35º 55'.134	014º 29'.930 Shore

Races will be held from Friday, 27th May, 2022 to Sunday, 29th May, 2022, from 9.00 a.m. till 5.00 p.m.

A number of flashing buoys may also be laid on Thursday, 26th May, 2022, within the above-mentioned restricted area

imsemmija biex juru l-korsa, fil-pożizzjonijiet A, A1, B, C, D, E, F, G u H li ġejjin, kif indikat fuq tabella 1 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) u jibqgħu fil-pożizzjoni matul il-lejl.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*	
A	35º 55'.168	014º 30'.346	Chequred
A1	35º 55'.107	014º 30'.271	Chequred
B	35º 54'.929	014º30'.563	Baga ħamra
C	35º 54'.605	014º 30'.844	Baga safra
D	35º 54'.606	014º 31'.086	Baga safra
E	35º 54'.765	014º 31'.190	Baga safra
F	35º 55'.708	014º 30'.482	Baga safra
G	35º 55'.701	014º 30'.145	Baga safra
H	35º 55'.287	014º 30'.075	Baga safra

Il-bagi imsemmija hawn fuq se jitneħħew kollha nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2022, sas-6.00 p.m.

Se jsiru wkoll tlielaq 'cyber' fil-Port il-Kbir fl-istess dati.

Dawn it-tlielaq 'cyber' se jsiru f'waħda miż-żoni li ġejjin: J, K, L u M jew N, O, P u Q, kif indikat fuq tabella 2 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Iż-żona tista' tinbidel suġġett għaċ-ċirkustanzi tal-każ iżda se tkun miżmuma fl-istess ħinijiet notifikati.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
J	35º 53'.203	014º 30'.504
K	35º 53'.345	014º 30'.748
L	35º 53'.301	014º 30'.786
M	35º 53'.159	014º 30'.543
N	35º 53'.673	014º 31'.142
O	35º 53'.815	014º 31'.386
P	35º 53'.771	014º 31'.425
Q	35º 53'.629	014º 31'.181

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju, 2022, mill-5.00 p.m. u sas-6.00 p.m., fiż-żona J, K, L u M.

Nhar is-Sibt, 28 ta' Mejju, 2022, mill-4.30 p.m. sal-5.30 p.m., fiż-żona J, K, L u M.

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2022, mis-6.00p.m. sas-7.00 p.m., fiż-żona J, K, L u M.

to show the course, in the following positions A, A1, B, C, D, E, F, G and H, as indicated on chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) and they will remain in position during the night.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*	
A	35º 55'.168	014º 30'.346	Chequred
A1	35º 55'.107	014º 30'.271	Chequred
B	35º 54'.929	014º 30'.563	Red buoy
C	35º 54'.605	014º 30'.844	Yellow buoy
D	35º 54'.606	014º 31'.086	Yellow buoy
E	35º 54'.765	014º 31'.190	Yellow buoy
F	35º 55'.708	014º30'.482	Yellow buoy
G	35º 55'.701	014º 30'.145	Yellow buoy
H	35º 55'.287	014º 30'.075	Yellow buoy

The above-mentioned buoys will all be removed on Sunday, 29th May, 2022, by 6.00 p.m.

Cyber races will also be held within the Grand Harbour on the same dates.

These Cyber races will be held within one of the following areas: J, K, L and M or N, O, P and Q, as shown on chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). Area may be changed subject to the circumstances of the case but will be held at the same notified times.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
J	35º 53'.203	014º 30'.504
K	35º 53'.345	014º 30'.748
L	35º 53'.301	014º 30'.786
M	35º 53'.159	014º 30'.543
N	35º 53'.673	014º 31'.142
O	35º 53'.815	014º 31'.386
P	35º 53'.771	014º 31'.425
Q	35º 53'.629	014º 31'.181

On Friday, 27th May, 2022, from 5.00 p.m. till 6.00 p.m., within the J, K, L and M area.

On Saturday, 28th May, 2022, from 4.30 p.m. till 5.30 p.m., within the J, K, L and M area.

On Sunday, 29th May, 2022, from 6.00 p.m. till 7.00 p.m., within the J, K, L and M area.

